**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 23 ta' Marzu 2001**

**Numru 4**
**Citaz. Nru. 1086/96 FDP**

**Boxit Limited**
**Vs**
**Zammit Trading Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fit-2 ta' April 1996 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici kienet bieghet u kkunsinjat lis-socjeta` konvenuta kwantita` ta' kaxex tal-kartun bil-valur komplessiv ta' Lm1509.66 skond l-anness statement u *invoices*;

Illi ghalkemm interpellata permezz ta' ittra bonarja tal-15 ta' Marzu 1996 sabiex thallas din

is-somma ta' Lm1509.66 is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1509.66;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas din is-somma ta' Lm 1509.66;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-15 ta' Marzu, 1996 u dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-26 ta' Marzu u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Janet Briffa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Zammit Trading Co Ltd tas-17 ta' Ottubru 1996, fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu ntempestivi stante li kienu ghadhom ma kkonsenjawx ix-xoghol kollu ordnat mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, fosthom l-ordnijiet li saru fid-29 t'Awissu 1994, Job No. 5488 u 5489 u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom;

2. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol hemm indikat fl-istess Citazzjoni sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti;

3. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta` attrici hija responsabbIi ghad-danni kkawzati lis-socjeta` konvenuta stante li l-istess socjeta` attrici kkonsenjat xoghol hazin u s-socjeta` konvenuta u mhux skond is-sengha u l-arti, u lanqas skond il-kwalita` pattwita; u wkoll ix-xoghol immanufatturat u li gie ikkonsenjat, gie hekk ikkonsenjat tardivament u di piu` naqset li tesegwixxi l-ordnijiet u x-xoghol l-iehor ordnat, b’dan ghalhekk li s-socjeta` konvenuta soffriet danni konsiderevoli konsistenti fit-telf ta’ profitt li hija kienet ser taghmel fuq l-istess ordnijiet ma’ terzi, klijenti taghhom, u hlasijiet ohra u danni accessorji kif kellu jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal dak fuq premess, is-socjeta` attrici hija ukoll obbligata li tirritorna lis-socjeta` eccipjenti diversi ghodda inkluzi *rubber stereos* u *printing blocks* tal-valur komplessiv ta’ elf sitt mija u sittin Lira Maltija (Lm1,660) li l-istess socjeta` attrici naqset li tirritorna lis-socjeta` konvenuta u ghalhekk ai fini ta’ l-istess l-istess socjeta` eccipjenti qed taghmel kontro-talba opportuna;

5. Illi ghalhekk a bazi tal-premess u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni jirrizulta

li l-pretensjoni attrici hija wkoll pacuta ai terinini ta’ l-eccezzjoni numru 3 u 4 premessi;

6. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-azzjoni attrici hija wkoll preskritta;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Leonard Zammit ghan-nom tas-socjeta` Zammit Trading Co Ltd u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro-talba ta’ l-istess socjeta` konvenuta, fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta ordnat minghand is-socjeta` attrici ammont ta’ *burger boxes* u *burger and chips boxes* u oggetti ohra li kellhom jigu kkonsenjati mill-istess socjeta` attrici f’terminu pattwit lis-socjeta` konvenuta skond l-istruzzjonijiet indikati mill-istess socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta parti biss mill-istess ordni, u parti mill-istess oggetti hekk konsenjati gew mahduma hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u mhux skond il-kwalita` pattwita, u di piu l-istess xoghol hekk konsenjat gie moghti tardivament lis-socjeta` konvenuta u wkoll l-istess socjeta` attrici naqset li tesegwixxi l-istess ordnijiet u xoghol l-iehor ordnat;

Illi kawza ta’ l-istess xoghol hazin ikkonsenjat, xoghol li gie ikkonsenjat tardivament, u ordnijiet ohra ta’ xoghol li ma gewx esegwiti u kkonsenjati mis-socjeta` attrici kontra dak li obbligat ruhha li taghmel, is-socjeta` konvenuta soffriet danni ingenti u dan konsistenti fit-telf ta’ profitt li hija kellha fuq l-istess xoghol ma’ terzi, inkluzi hlasijiet fuq l-istess, inkluz il-prezz u danni accessorji ohra li jigu pprovati waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal liema danni is-socjeta` attrici hija unikament responsabbli;

Illi di piu is-socjeta` attrici ghandha fil-pussess taghha diversi ghodod proprieta’ tas-socjeta` konvenuta, konsistenti tali ghodod fi *printing blocks* u *rubber stereos* u oggetti ohra li jintuzaw ghat *printing* tal-istess *disposable cartons* u *boxes* u oggetti simili tal-valur komplessiv ta’ elf sitt mija u sittin Lira Maltija (Lm1,660) li is-socjeta` attrici naqset li tirritorna lis-socjeta` konvenuta;

Wara li ghamlet dawn il-premessi, u previa occorrendo dikjarazzjoni li s-socjeta` attrici immanufatturat hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u mhux skond il-kwalita` pattwita, *burger boxes* u *burger and chips boxes* u oggetti ohra simili ordnati mis-socjeta` konvenuta, u li di piu ikkonsenjat parti mill-istess oggetti tardivament; u wkoll fl-ahharnett l-istess socjeta` attrici baqghet inadempjenti u naqset li timmanifattura u tikkonsenja ordnijiet ohra maghmula mis-socjeta` konvenuta u accettati minnha; is-socjeta` konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` attrici hija responsabbli ghad-danni kollha kkawzati lis-socjeta` konvenuta, minhabba konsenja u manifattura ta' xoghol hazin, mhux skond is-sengha u l-arti, u mhux tal-kwalita` pattwita kif premess; konsenja ta' ordnijiet tardiva minn data pattwit, u wkoll nuqqas ta' konsenja u manifattura ta' ordnijiet ohra, li l-istess socjeta` attrici obbligat ruhha li tikkonsenja, konsistenti tali danni fit-telf ta' profitt li s-socjeta` konvenuta kienet ser taghmel fuq l-istess oggetti ma' klijenti taghha, nuqqas ta' hlasijiet u prezz soffert minnha u danni accessorji ohra, kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi, l-ammont ta' danni hekk sofferti mis-socjeta` konvenuta, minhabba xoghol hazin, mora u nuqqas ta' konsenji premessi, konsistenti tali danni f'telf ta' profitt li s-socjeta` konvenuta kienet ser taghmel fuq l-istess oggetti ma' klijenti taghha, nuqqas ta' hlasijiet u prezz soffert minnha u danni accessorji ohra, kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta l-ammont hemm likwidat ai termini tat-tieni domanda ta' din il-Kontro-Talba, bhala rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta kif premess;

4. Tikkundanna lill-istess socjeta` attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju lilha prefiss ghal tali skop, tirritorna lis-socjeta`

konvenuta diversi ghodod proprieta tas-socjeta` konvenuta, konsistenti tali ghodod fi *printing blocks* u *rubber stereos* u oggetti ohra li jintuzaw ghal *printing* ta' l-istess *disposable cartons* u *boxes* u oggetti simili;

5. Fin-nuqqas da parte tas-socjeta` attrici li tirritorna lis-socjeta` konvenuta l-oggetti elenkati fit-tieni domanda ta' din il-Kontro-Talba, tikkundanna lis-socjeta` attrici sabiex thallas lis-socjeta` konvenuta il-valur tal-istess ghodod premessi fl-ammont ta' Lm1,660 jew somma verjuri kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lis-socjeta` konvenuta kontra s-socjeta` attrici ghad-danni lilha kkawzati minhabba inadempjenza da parte tas-socjeta` konvenuta li tesegwixxi l-ordnijiet tas-socjeta` konvenuta u danni kkawzati minhabba tali ordnijiet ikkonsenjati hazin u mmanufatturati mhux skond il-kwalita` pattwita u mhux skond is-sengha u l-arti u telf ta' profitt b'konsegwenza ta' l-istess, kontra s-socjeta` attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Leonard Zammit annessa mal-kontro-talba u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ta' l-1 ta' Novembru 1996 ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` konvenuta kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante li x-xoghol provdut mis-socjeta` attrici sar skond l-art u s-sengha u ghalhekk is-socjeta` attrici ma kkagunatx danni lis-socjeta` konvenuta;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Janet Briffa ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` konvenuta kienet tordna diversi tipi ta' kaxxi minghand is-socjeta` attrici ghall-klijenti kulinarji taghha;

Illi jirrizulta illi darba minnhom is-socjeta` konvenuta talbet lis-socjeta` attrici taghmlilha tlett tipi ta' kaxxi bl-isem Big Bum ghal wiehed mill-klijenti taghha. Victor Satariano, is-sales director tas-socjeta` attrici xehed illi meta George Zammit in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta spjegalu x'kellu f'rasu l-klijent tieghu huwa spjegalu li peress li l-printing isir "*flexographically*" u l-inka hija "*water-based*" ma

tantx kien possibbli li jipproducu kulur solidu kif riedu l-klijenti tieghu. Ghalhekk peress li kellhom tlett tipi ta' kaxxi x'jipproducu, "*... jien issuggerejt li l-ahjar li naghmlu hu li l-ewwel nipproducu wahda minnhom, imbaghad jekk il-klijent toghgbu inkomplu naghmlu l-kumplament. Hekk ghamilna u l-kaxxi hargu isbah milli stennejt jien. Tant hu hekk li l-klijent ta' Zammit Trading accettahom.";*

Illi Leonard Zammit (direttur tas-socjeta` konvenuta) fl-affidavit tieghu ta verzjoni kemmxejn differenti. Huwa xehed li l-ewwel ordni, li giet ikkunsenjata tardivament (Dicembru 1994 flok Settembru 1994) ma kinitx sodisfacenti. Huwa qal li l-klijenti taghhom gergru li s-*solid red print* ma kinitx tajba bizzejjed u ghalkemm accettaw l-ordni sahqu li darba ohra l-prodott ikun imtejjeb. "*Ahna insistejna li Boxit kellhom itejbu il-prodott fir-rigward taz-zewg ordnijiet li kien fadal.";*

Illi skond Victor Satariano, fir-rigward tat-tieni ordni, il-prodott finali hareg ahjar minn ta' qablu, izda madanakollu irrizulta illi l-klijenti tas-socjeta` konvenuta ma accettawx il-kaxxi. Leonard Zammit, kontro-ezaminat xehed illi l-klijenti taghhom ilmentaw dwar il-kwalita` u rrifjutaw li jhallsuhom. George Zammit, kontro-ezaminat ukoll jikkonferma dan. Huwa xehed illi l-klijenti taghhom ma kinux accettaw il-konsenja u rritornaw il-kaxxi;

Illi s-socjeta` attrici accettat il-kaxxi ritornati u harget *credit note* ghall-ammont shih

indikat fl-*invoice* nru 5085 relattiva ghall-konsenja, u cioe` fl-ammont ta' Lm1863;

Illi s-socjeta` attrici permezz tac-citazzjoni odjerna qed titlob il-hlas ta' Lm1509.66 rapprezentanti l-ahhar erba' *invoices* indikati fl-istatement a fol 29/30 u cioe dawk bin-numru 6514, 6522, 6840, u 6852 peress li s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx taghhom;

Illi Leonard Zammit ghas-socjeta` Zammit Trading spjega illi huma baqghu ma thallsux mill-klijenti taghhom ta' l-ewwel konsejna tal-kaxxi tal-Big Bum (rif. *Invoice* no. 5036). Huwa qal illi *"Il-klijent taghna kien qalilna li peress li d-delivery tal-kaxxi kollha ma kinitx a sodisfazzjon tieghu u minhabba l-fatt li hu ma rceviex il-konsenja kollha, hu ma ried ihallas xejn."* Xehed ukoll illi kellhom xi *printing blocks (b'valur ta'* aktar minn Lm1000) propjeta` tal-klijenti taghhom li huma bhalissa fil-pussess tas-socjeta` attrici u li ghadhom ma gewx ritornati. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed tirrifjuta li thallas l-ahhar erba' *invoices* li ghandha pendenti mas-socjeta` attrici avolja dawn jirrigwardaw konsenji ta' kaxxi li dwarhom ma kellhomx ilmenti u li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaxxi tal-Big Bum. Leonard Zammit stess xehed illi *"Ghandi nghid li l~invoices li huma suggett ghac-citazzjoni ma kellniex problemi fuqhom."*;

Illi ghalhekk l-Qorti ma tarax li huwa gustifikat il-fatt illi s-socjeta` konvenuta qed izzomm il-pagament fuq l-ahhar erba' *invoices*. Ir-relazzjoni li ghandha mal-klijenti taghha hija indipendenti minn dik li ghandha mas-socjeta`

attrici. Ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim fis-sens li s-socjeta` konvenuta kellha thallas lis-socjeta` attrici meta jew jekk hija tithallas minghand il-klijenti taghha. Fejn kien hemm problema, u cioe` fir-rigward tat-tieni konsenja, is-socjeta` attrici accettat ix-xoghol lura minghajr diskussjonijiet ta' xejn u harget *credit note* favur is-socjeta` konvenuta;

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, din ma tidhirx li hi fondata peress li ma jirrizultax li s-socjeta` attrici qed tippretendi hlas ghal Job No. 5488 u 5489. Rigward it-tieni eccezzjoni, fejn qed jigi allegat li x-xoghol sar hazin, il-Qorti tosserva illi fejn kien hemm problema, il-konsenja giet ritornata u l-ammont relattiv gie kreditat. Rigward dak allegat fit-tielet eccezzjoni, u cioe` li s-socjeta` attrici kkagunat danni lis-socjeta` konvenuta, din ser tigi kkunsidrata fil-kontro-talba; l-istess jinghad dwar ir-raba eccezzjoni. Fir-rigward tal-hames eccezzjoni, u cioe` li l-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija pacuta, din issegwi mit-tielet u r-raba' eccezzjoni u ghalhekk il-Qorti mhix ser tikkonsidraha. Dwar is-sitt eccezzjoni fejn tqajmet il-preskrizzjoni, il-Qorti tosserva li ma saret ebda referenza ghall-artikolu tal-Ligi li a bazi tieghu qed tintalab il-preskrizzjoni u ma tressqet ebda prova f'dan is-sens;

Il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta;

Illi l-Qorti qed tigi mitluba tiddikjara li s-socjeta` attrici hija reponsabbli ghad-danni kollha kkawzati lis-socjeta` konvenuta, minhabba konsenja u manifattura ta' xoghol hazin, mhux skond is-sengha u l-arti u mhux tal-kwalita` pattwita, konsenja tardiva, u wkoll nuqqas ta' konsenja u manifattura ta' ordnijiet ohra li l-istess socjeta` attrici obbligat ruhha li tikkonsenja, konsistenti tali danni f'telf ta' profitt li s-socjeta` konvenuta kienet se taghmel fuq l-istess oggetti mal-klijenti taghha, nuqqas ta' hlasijiet u prezz soffert minnha u danni accessorji ohra;

Illi rigward l-allegat "xoghol *hazin, mhux skond is-sengha u l-arti"* dan ma jistax jigi verifikat ladarba ma gewx esebiti kampjuni tal-kaxxi in kwistjoni. Satariano jinsisti li hargu tajbin fil-waqt li skond Zammit il-klijenti tas-socjeta` konvenuta ma kinux sodisfatti bl-ewwel konsenja u wisq anqas bit-tieni. Fil-kaz ta' l-ewwel konsenja jirrizulta li din giet accettata u fejn il-klijenti tas-socjeta` konvenuta ma kinux sodisfatti bil-kaxxi (fil-kaz tat-tieni konsenja) dawn gew ritornati u mhux qed jintalab hlas taghhom. Dwar l-ilment li l-kaxxi ma kinux *"tal-kwalita` pattwita"* Satariano fl-affidavit tieghu jishaq fuq il-fatt illi qabel ma saret l-ewwel konsenja kien spjega lil George Zaminit dwar id-diffikulta li jsir kulur solidu, ghalkemm l-istess Zammit, kontro-ezaminat jichad li kien hemm xi diskors f'dan is-sens. Jigi wkoll rilevat li ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta talbet li tara xi kampjuni tal-kaxxi qabel ma hija ghamlet l-ordnijiet. Dwar id-dewmien, ghalkemm jirrizulta pruvat li l-ewwel konsejna giet ikkonsenjata tlett

xhur tard, din giet kollha accettata u in fatti kienet ukoll saret it-tieni wahda. Il-Qorti taghem referenza ghad-dikjarazzjoni tad-direttur tas-socjeta` konvenut li dwar l-ewwel konsenja xhed "*ghalkemm il-kwalita` ma kinetx kif mistenni minn naha taghna ikkonsenjajniha lill-klijenti taghna li fil-fatt gergru illi is-solid red print ma kinetx tajba bizzejjed. Minkejja dan pero` il-klijent accetta l-ordni imma sahaq li darba ohra il-prodott ikun imtejjeb*". Dwar it-tieni konsenja, Janet Briffa, fid-dikjarazzjoni guramentata taghha tikkonferma li din saret fit-terminu miftiehem bejn il-partijiet, u kienet is-socjeta` konvenuta li hassret l-ordni taghha ghall-bqija tal-kaxex in kwistjoni;

Illi dwar id-danni mitluba minhabba nuqqas ta' hlasijiet u telf ta' profitt, is-socjeta` konvenuta ma ressqitx provi in sostenn ta' din il-pretensjoni u anqas ma irrizulta li s-socjeta` konvenuta ma thallsitx da parti tal-klijenti taghha. In-negozju waqaf ghax is-socjeta` konvenuta kkancellat l-ordni wara li t-tieni konsenja giet ritornata;

Illi ghalhekk mhux il-kaz li jigu likwidati xi danni;

Illi dwar l-allegazzjoni li s-socjeta` attrici ghandha fil-pussess taghha diversi ghodod propjeta` tas-socjeta` konvenuta, dan ma jidhirx li huwa kkontestat. Fil-fatt kif jidher mill-korrispondenza esebita, b'mod partikolari il-fax mahruga minn Victor Satariano (esebita a fol 45) jidher li s-socjeta` attrici mhix qed tichad li ghanda fil-pussess taghha dawn l-ghodod, anzi

talbet li tinghata d-dettalji ta' l-ghodod li ghandha fil-pussess taghha. Victor Satariano jipprometti fl-istess fax li "*These will be located and prepared for your collection.*" Id-dokument li jinsab esebit a fol 43/44 huwa propju lista tal-*cutting tools* u *printing blocks* in kwistjoni, bil-valuri relattivi taghhom, b'total ta' Lm1660. Dan l-ammont ma giex ikkontestat. Kontro-ezaminat Norman Spiteri xehed li huma kienu lesti li jirritornawhom wara li jithallsu tax-xoghol. Il-Qorti tifhem li z-zewg pretensjonijiet ma humiex dipendenti wahda fuq l-ohra.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba Attrici u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf hames mija u disa' liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1509.66);

Tilqa' t-Tieni Talba tac-citazzjoni u tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf hames mija u disa' liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1509.66);

Tiddeciedi t-talbiet tal-Kontro-Talba, billi:-

Tichad l-Ewwel Kontro-Talba;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Kontro-Talba u tichad it-Tielet Kontro-Talba, peress li huma konsegwenzjali ghall-ewwel wahda;

Tilqa’ r-Raba’ Kontro-Talba u tikkundanna lis-socjeta` attrici sabiex fi zmien xahar mid-data tas-sentenza tirritorna lis-socjeta` konvenuta l-ghodod imnizzla fid-dokument a fol 43/44 tal-process;

Tilqa’ wkoll il-Hames Kontro-Talba u tordna li fin-nuqqas is-socjeta` attrici ghandha thallas lis-socjeta` konvenuta l-valur ta’ l-ghodod fl-ammont ta’ elf sitt mija u sittin lira Maltin (Lm1660).

L-ispejjez jithallsu kwart (1/4) mis-socjeta` attrici u tlett kwarti (3/4) minn dik konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur